**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att t'Akkuza 34/2023**

**Ir-Repubbklika ta' Malta**

**vs**

**Carina Louise Azzopardi**

**<u>Illum, 9 ta' April 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Carina Louise Azzopardi**, bint Alexander u Linda Susan xebba Flynn, imwielda Islington Londra, l-Ingilterra fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), u residenti ġewwa Les Pont, Level 4, Flat 4, Triq il-Ftieh, Birkirkara u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru **131687M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

## <u>KAP UNIKU</u>

Illi fil-bidu tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-Identity Malta (iktar il-quddiem indikat bħala ID Malta) kienet qed tinvestiga numru ta' applikazzjonijiet għall-permessi ta' residenza u xogħol sottomessi minn persuni ażjatiċi li l-biċċa l-kbira tagħhom kellhom xogħol Malta fis-settur prinċipalment tat-tindif. Irriżulta lill-entita' msemmija li

numru konsiderevoli minn dawn il-persuni kienu qegħdin jiġu tterminati fl-impjieg tagħhom ftit żmien wara li jkunu nġiegħbu hawn Malta biex jaħdmu. Irriżulta wkoll li ħafna minn dawn l-istess persuni li kienu taħt il-lenti tal-entita' bdew imorru minn jeddhom l-ID Malta b'dokumentazzjoni relattiva sabiex isibu mpjieg ġdid ġewwa pajjiżna fejn ġie nnutat li ħafna minn dawn il-persuni kellhom karatteristiċi komuni fil-mod kif ġew impjegati, fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom kif ukoll fil-mod kif ġew finalment terminati mill-impjieg. Dawn il-persuni ġew ilkoll intervistati fejn irriżulta illi kienu kollha derivanti fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-Filippini u kollha kemm huma kienu ħallsu eluf ta' Euro biex jiġu jaħdmu hawn Malta bl-assistenża ta' persuni barra u hawn Malta li kellhom jippreparawlhom id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex ilkoll kemm huma jiġu jaħdmu bħala cleaners jew room attendants mal-kumpanija JF Services Cleaning Ltd. Meta saru r-riċerki u l-investigazzjonijiet opportuni rriżulta li s-soċjeta JF Services Cleaning Ltd hija waħda minn diversi kumpaniji li jappartjenu u li għandhom bħala rappreżentanti legali tagħha fost oħrajn lil Carina Louise Azzopardi fil-vesti tagħha ta' Segretarja u HR Manager fi ħdan is-soċjeta JF Group, minn issa l-quddiem indikata bħala l-akkużata f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet li seħħew fiż-żmien ta' dawn ir-riżultanzi u ċioe fil-bidu tas-sena elfejn u tmintax, irriżulta mill-informazzjoni pprovduta mingħand diversi persuni fosthom, Indra Bahadur Thapa, Karam Paglia Gomar, Soriano De Vera Jake, Abiog Richard Gaboy, Esperanza Pamela Anjelica Salos, De La Pena Kristine Manlutac, Advincula Roanne, Vallente Charmaine Joyce, Anne Chatterly Ignacio u Tolentino Ritchie Laeno, lkoll ta' nazzjonalita Filippina bl-eċċezzjoni ta' Thapa u Gomar li huma minn Nepal, illi meta nteressaw ruħhom sabiex jaħdmu hawn Malta waqt li kienu għadhom f'pajjiżhom, kienu għamlu kuntatt ma persuni riferuti minnhom bħala aġenti li wkoll kienu ta' nazzjonalita' Filippina u li kellhom permessi ta' xogħol u residenza hawn Malta u li rriżulta iktar il-quddiem mill-investigazzjoni li kienu mqabbdin mill-imsemmija soċjeta' sabiex jagħmlu dan ix-xogħol fl-awspiċi tal-kumpanija JF Services Cleaning Ltd. Infatti rriżulta li dawn l-hekk imsejħin aġenti, fosthom individwati bħala Jennyvie Bartolome, Edna Mongao u Cristina Cabrera Paggabao ilkoll ko-akkużati li qed jiġu pproċessati in konnessjoni ma iżda

separatament minn dan il-każ, kienu anki responsabbli għar-relazzjonijiet mal-ħaddiema tal-istess nazzjonalità'.

Illi rriżulta ulterjorment illi fil-maġġor parti tagħhom dawn il-persuni kienu ħallsu b'qerq l-ekwivalenti ta' erbat elef (4,000) Euro sabiex jipproċessaw kollox u sabiex jiġu jaħdmu mal-imsemmija kumpanija hawn Malta. In oltre rriżulta illi kienu ffirmaw kuntratt ġewwa l-Filippini skont liema dokumenti, ġaladarba jibdew jaħdmu hawn Malta bħala cleaners jew room attendants, kienu ser igawdu minn diversi kundiżżjonijiet fosthom paga minima ta' €719, akkomodazzjoni u ikel b'xejn, assistenza medika u l-benefiċċji kollha favur l-impjegat skont il-liġijiet Maltin. Madankollu kif wasslu hawn Malta dan il-kuntratt qatt ma ġie onorat u ġie sostitwit b'kuntratt ieħor li kien differenti għal dak li kienu ffirmaw fil-Filippini u fejn kien hemm diskrepanzi konsiderevoli mill-ewwel kuntratt ergo b'sigħat anqas minn dak miftiehem kif ukoll ma kienux qed jitħallsu l-paga minima miftehma ta' €719.

Illi fuq dan it-tieni kuntratt kien jidher ukoll bħala firmatarju wieħed mill-ko-akkużati oħra, li wkoll qed jiġu pproċessati in konnessjoni ma, iżda separatament minn dan il-każ, senjatament Matthew Formosa bħala direttur ta' JF group, li kienet is-soċjeta' li kienet qed timpjega lil dawn in-nies, u dan kollu bix-xjenza u bl-għarfien tal-akkużata. Irriżulta wkoll li meta l-ħaddiema ngħataw dan it-tieni kuntratt, dawn il-persuni li kienu ħallsu kull ma kellhom u li kienu anki ddejnu minn pajjizhom biex jiġu hawn jaħdmu kienu f'sitwazzjoni vulnerabbli fejn allavolja ngannati, ma kellhomx għażla u triq oħra għajr li jiffirmaw it-tieni kuntratt fejn kien hemm ukoll theddid li fin-nuqqas ta' aċċettazzjoni tat-tieni kuntratt, kienu ser jitilfu kollox u kienu ser jintbagħtu lura f'pajjizhom bla ebda għażla.

Illi sussegwentement u ulterjorment, il-ħaddiema ġew impjegati f'xogħlijiet differenti minn dak li kellhom jagħmlu, ħafna minnhom mingħajr il-kwalifiki, esperjenza jew ċertifikazzjoni meħtieġa. Di piu kien ikollhom jaħdmu fil-ħdud u fil-festi fejn f'dawk il-ġranet ma tħallsux ir-rata doppja kif prospettata fil-liġijiet tagħna u fejn essenzjalment meta tħallsu tax-xogħol li jkunu għamlu, kienu qedgħin jitħallsu ferm

inqas flus milli suppost u ferm inqas mill-paga minima skond il-liġijiet ta' pajjiżna. In oltre ma kellhom l-ebda benefiċċi, tant illi f'każ ta' mard, kienu jeħlu multa ta' għoxrin Euro tal-fatt li ma rrapurtawx għax-xogħol u dan peress li skond l-informazzjoni pprovduta lilhom mill-aġenti, dejjem taħt l-istruzzjonijiet tas-superjuri tagħhom, dawn il-ħaddiema allegatament ma kienux intitolati għal sick leave għall-ewwel sitt xhur tax-xogħol tagħhom.

Illi meta dawn il-ħaddiema lmentaw fuq dawn il-kundizzjonjiet u tal-fatt li ma kellhomx biżżejjed flus biex jgħixu hawn Malta tenut kont li kellhom iħallsu kollox minn buthom bil-ftit li kienu qedgħin jaqalgħu u ergo b'qerq meta ġew mġegħla jħallsu eluf ta' Euro apparti l-ispejjeż rikjesti skont il-liġi u kontra l-kuntratt oriġinali li huma kienu aċċettaw li jaħdmu biħ, huma ġew mkeċċijin mingħajr l-ebda raġuni valida u tħallew mingħajr xogħol u mingħajr flus f'pajjiż estraneju għalihom bid-diffikultajiet li din iġib magħha u bil-limitazzjonijiet kollha u d-differenzi kulturali bejn Malta u pajjiżhom.

Illi b'għemilha l-akkużata Carina Louise Azzopardi saret ħatja talli personalment u fil-kapaċita tagħha ta' segretarja, HR Manager, rappreżentanta legali, uffiċjal u/jew konsulent tal-kumpaniji JF Security Services C26649, JF Group C74013, JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd C74017, JF Security and Consultancy Services Ltd C13768, JF Logistics Ltd C26650, JF Services Ltd C26648, JF Investments Ltd C74018, nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2018, u fil-ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bi vjolenża jew theddid inkluż serq tal-persuna, qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, billi tat jew irċeviet ħlasijiet jew benefiċċji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna oħra, u/jew b'abbuż ta' poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabilta', ittraffikat persuni tal-età bil-għan li dawk il-persuni jiġu sfruttati, bl-involviment ta' xi għaqda kriminali bħala korp magħqud fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 83A(1)(4) u/jew saret kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Carina Louise Azzopardi ħatja talli personalment u fil-kapaċita tagħha ta' segretarja u rappreżentanta legali u uffiċjal tal-kumpanijji JF Security Services C26649, JF Group C74013, JF Services Cleaning Ltd, JF Staffing Ltd C74017, JF Security and consultancy Services Ltd C13768, JF Logistics Ltd C26650, JF Services Ltd C26648, JF Investments Ltd C74018, nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2018, u fil-ġimgħat, xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzjoni waħda, bi vjolenża jew theddid inkluż serq tal-persuna, qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influwenza jew pressjoni, billi tat jew irċeviet ħlasijiet jew benfiċċji sabiex tottjeni l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna oħra, u/jew b'abbuż ta' poter jew ta' posizzjoni ta' vulnerabilta', ittraffikat persuni tal-età bil-għan li dawk il-persuni jiġu sfruttati, bl-involviment ta' xi għaqda kriminali bħala korp magħqud tal-imsemmija kumpaniji u fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 83A(1)(4) u 121D rispettivament u/jew saret kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' mhux inqas minn sitt (6) snin u mhux iktar minn tletin (30) sena priġunerija kif ukoll multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf ewro (€20,000) u mhux iktar minn żewġ miljun ewro (€2,000,000) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 248A(1)(a)(e)(2)(3), 248E(1)(2)(b)(c)(e)(3)(4A), 83A(1)(4), 208AC(2), 17, 18, 23, 23A, 31, 121D u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużata Carina Louise Azzopardi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzata Carina Louise Azzopardi ppreżentata nhar it-13 ta' Settembru, 2023, fejn esponiet is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, in-nullita tal-att ta' akkuża in kwantu qieghdha tipprospetta fil-konfront tal-eccipjent il-pieni ravizati fl-Artikolu 121D tal-Kap. 9 (inkluż l-Artikolu 248BE tal-Kap. 9 u dana stante illi talli pieni, se mai, kienu jkunu applikabbli kieku f'dawn il-proceduri kienet qed tiġi addebita responsabilita penali fil-forma ta' *corporate criminal liability*.

2. Illi fit-tieni lok, l-Artikolu 248E(4A) tal-Kap 9 ukoll ma ssib ebda applikabbilita' f'dawn il-proceduri.
3. Illi fit-tielet lok, in-nullita tal-att ta' akkuża stante li fil-parti esprosittiva mkien ma jirrizulta illi l-eccipjent wettqet l-atti msemmija fl-Artikolu 83A tal-Kap. 9.
4. Illi fir-raba' lok, l-Artikolu 83A(4) tal-Kap 9 ma jsib ebda applikabbilita f'dawn il-proceduri.
5. Illi fil-hames lok, n-nullita tal-att ta' akkuża stante li fil-parti espositiva mkien ma jirrizulta dak dispost fl-Artikolu 248E (2)(b), (c) u (e) tal-Kap. 9.
6. Illi fis-sitt lok, l-inammissibilita tal-istqarrija mehuda waqt il-kors ta' interogazzjoni tal-eccipjent u kwalsiasi referenza ghall-istess stante li tali stqarrija ttiehdet minghajr ma l-istess eccipjent inghatat d-dritt tal-assistenza legali u minghajr ma nghatat d-dritt ta' disclosure.
7. Illi finalment, jiġi relevat li l-esponent ghandha l-istatus ta' whistleblower permezz ta' external disclosure li ghamlet mal-Ombudsman fit-termini tal-Kap 527 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta datata t-8 ta' Frar, 2024 l-Avukat Generali ddikjara illi fir-rigward it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet sollevati mid-difiza, kien qieghed jirtira l-Artikolu 83A, kif ukoll l-Artikolu 83A(4) u dan stante li ma jsibu l-ebda applikabbilita' f'dawn il-proceduri. In vista ta' din id-dikjarazzjoni, l-avukat difensur irtira t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet hekk kif sollevati minnu.

**Ikkunsidrat,**

Permezz tal-**ewwel eċċezzjoni** taghha, l-akkuzata qedgha tecepexxi n-nullita' tal-att t'akkuza u dan ghaliex l-istess att t'akkuza qedgha tiprospetta kontra l-akkuzata l-pieni ravizati fl-Artikoli 121D u l-Artikolu 248E(3) tal-Kodici Kriminali. Dawn il-pieni kienu jkunu applikabbli kieku f'dawn il-proceduri kienet qed tiġi addebita responsabbilita' fil-forma tal-*corporate criminal liability*.

L-Artikolu 121D tal-Kodici Kriminali jġib it-titolu '***Responsabbiltà ta' korp magħqud għal reati taħt dan it-titolu***' u jipprovdi s-segwenti:

*'121D. Meta reat taħt dan it-titolu ġie mwettaq minn persuna li dak iż-żmien tal-imsemmi reat tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud jew tkun persuna li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza ta' dak il-korp jew li jkollha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp u r-reat imsemmi li dwaru tkun instabet ħatja dik il-persuna, jkun kollu jew f'parti minnu, sar għall-benefiċċju ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-għanijiet ta' dan it-titolu titqies bħala li tkun vestita* ***<u>bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud</u>*** *li jista' jeħel il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:*

*Iżda meta l-imsemmija persuna ma tkunx għadha vestita bir-rappreżentanza legali, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ir-rappreżentanza legali għandha tiġi vestita fil-persuna li tkun qed tokkupa l-kariga minflokha jew f'dik il-persuna kif imsemmi f'dan l-artikolu.'*

Di piu', Artikolu 248E(3) tal-Kodici Kriminali, li jinsab taht is-Sub-titolu VIII BIS u li jgib l-isem '*Fuq it-Traffikar ta' Persuni*', jipprovdi s-segwenti:

*'Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D għandhom jgħoddu mutatis mutandis għar-reati taħt dan is-Sub-titolu, hekk iżda li* ***<u>l-piena li l-korp magħqud għandu jeħel</u>*** *taħt dan is-subartikolu tkun il-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) u mhux aktar*

*minn żewġ miljun euro (€2,000,000), liema multa tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

Il-kuncett ta' *corporate criminal liability* imsemmi mill-akkuzata fl-ewwel eċċezzjoni taghha jitkellem dwar il-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' korp maqghud taht il-ligi penali. Dak li jaghmel korp maghqud kriminalment responsabbli huwa l-fatt li l-korp maghqud hija persuna fiha nnifisha u ghalhekk ghandha personalita' legali. ***Blackstone*** jghid hekk dwar il-legal personality:

*'As all personal rights die with the person; and as the necessary forms of investigating a series of individuals, one after another, with the same technical rights, would be very inconvenient, if not impracticable, it has been found necessary, when it is for the advantage of the public to have any particular rights kept on foot and continued to constitute artificial persons, who may maintain a perpetual succession, and enjoy a kind of legal immortality.* ***These artificial persons are called bodies corporate (corpora corporate), or corporations of which there is a great variety subsisting, for the advancement of religion, of learning and of commerce; in order to preserve entire and forever those rights and immunities, which if they were granted only to those individuals of which the body corporate is composed, would upon their death be utterly lost and extinct.'***

Fil-kawza fl-ismijiet **Salomon v Salomon**[1] gie deciz illi l-kumpanija giet iffurmata skond il-ligi u ghalhekk hija persuna separata u distinta u mhux xi agent tal-kontrollatur taghha. **Lord Herschel** f'dan ir-rigward qal hekk:

[1] [1897] AC 22 (HL)

*'Under these circumstances, I am at a loss to understand what is meant by saying that **<u>A. Salomon & Co., Limited, is but an "alias" for A. Salomon. It is not another name for the same person; the company is ex hypothesi a distinct legal persona.'</u>***

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>The Police vs Bin Han et</u>**[2] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk dwar il-kuncett tal-*corporate criminal liability*:

***'The concept of corporate criminal liability was introduced in our Criminal Code by means of Act III of 2002, with the introduction of article 121D, which article of the law was substituted by means of Act VIII of 2015 and today reads as follows:***

*"Where an offence under this title has been committed by a person who at the time of the said offence is the director, manager, secretary or other principal officer of a body corporate or is a person having a power of representation of such a body or having an authority to take decisions on behalf of that body or having authority to exercise control within that body and the said offence was committed for the benefit, in part or in whole, of that body corporate, the said person shall for the purposes of this title be deemed to be vested with the legal representation of the same body corporate which shall be liable to the payment of a fine (multa) of not less than twenty thousand euro (€20,000) and not more than two million euro (€2,000,000), which fine may be recovered as a civil debt and the sentence of the Court shall constitute an executive title for all intents and purposes of the Code of Organisation and Civil Procedure."*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Jannar, 2023.

*Now, articles 310A of the Criminal Code and article 248E(3) render article 121D applicable both to the crime of misappropriation and that of human trafficking, thus* ***although finding guilt in the person or persons who represent the body corporate, the court may also inflict punishment on the said body corporate if the commission of the crime was carried out to its benefit, and is thus attributable to the body corporate itself.***

***The concept of corporate criminal liability is different from that of vicarious responsibility as laid out in article 13 of the Interpretation Act, since though in both instances the legislator sought to attribute criminal responsibility to the legal person, whilst in the first instance the punishment is inflicted on the body corporate, in the second instance it is the director or other person representing the body corporate who is personally liable and faces the sanction of the law. Also, the fine inflicted on the body corporate may be recovered as a civil debt and the sentence of the Court shall constitute an executive title. In the note of referral filed by the Attorney General in terms of Article 370(3)(a) of the Criminal Code, wherein both accused were sent to be tried by the Court of Magistrates, both articles 121D of Chapter 9 and article 13 of Chapter 249 of the Laws of Malta are therein indicated. This means that the First Court had to delve into both articles of the Law in its considerations regarding a finding of guilt or otherwise in the persons of both accused as charged.***

***So, under this new law, prior to a finding of guilt in a body corporate, criminal responsibility must be attributed to a physical person representing the said body corporate. Once a finding of guilt has been established then evidence must result indicating that the crime was committed for the benefit of this***

***legal person. If this results, then the Court may pass on to condemn the said body corporate to the payment of a fine. Now whilst in the case of vicarious liability, the director, manager, or other person representing the company is condemned in his personal capacity unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence, under Article 121D, punishment is inflicted directly on the body corporate with no right of defence existing as that found in article 13 of Chapter 249.'***

In vista tas-suespost, din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tghid jekk il-pieni hekk kif ravizati fl-Artikolui 121D u 248E(3) tal-Kodici Kriminali japplikawx *o meno* ghal kaz odjern, ghaliex dan jiddependi mill-provi li ghandhom jingieghbu f'dawn il-proceduri u cioe' fic-celebrazzjoni tal-guri. Madankollu, anke jekk ikun il-kaz li tali pieni ma japplikawx, zgur li dan ma jwassallx ghan-nullita' tal-att t'akkuza u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzata qeghda tigi michuda.

**Fit-tieni eċċezzjoni** taghha l-akkuzata tghid illi l-Artikolu 248E(4A) tal-Kodici Kriminali ma ghandux applikabbilita' f'dawn il-proceduri. Dan l-Artikolu jistipula s-segwenti:

*'Meta r-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta', fl-intier tiegħu jew f'parti minnu, korp magħqud minn persuna li jkollha s-setgħa li tirrappreżenta dak il-korp magħqud, l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-korp magħqud, jew awtorità li twettaq kontroll fuq il-korp magħqud, il-persuna ġuridika tista' tkun soġġetta għal:*

*(i)* *esklużjoni milli tkun intitolata għall-benefiċċji jew għajnuna pubblika;*

*(ii)* *is-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza, permess jew awtorità oħra biex jeżerċita xi kummerċ, negozju jew attività kummerċjali oħra;*

*(iii)* *it-tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;*

*(iv)* *l-istralċ obbligatorju tal-korp magħqud; jew*

*(v)* *l-għeluq temporanju jew permanenti ta' xi stabbiliment li seta' ġie użat għall-għemil tar-reat.'*

Illi l-Artikolu hekk kif sucitat jistipula li ir-reat irid ikun gie mwettaq ghall-benefiċċju, fl-intier tiegħu jew f'parti minnu ta' korp magħqud. In-narrativa tal-att t'akkuza ma torbotx u ghalhekk jekk ir-reat ġiex imwettaq ghall-beneficcju ta' korp maghqud jiddependi mill-provi prodotti waqt il-guri. Ghaldaqstant l-applikabbilta' *o meno* ta' dan l-artikolu zgur ma tistax tigi deciza f'dan l-istadju u dan ghaliex kollox jiddependi mill-ezitu tal-guri. Ghaldaqstant, din ir-t-tieni eccezzjoni wkoll qedgha tigi respinta.

**Fil-hames eccezzjoni** taghha l-akkuzata Azzopardi qed titlob in-nullita' tal-att t'akkuza stante li fil-parti esposittiva mkien a jirrizulta dak dispost fl-Artikolu 248E(2)(b), (c), u (e) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

> *(2) Meta xi wieħed mir-reati fl-artikoli 248A sa 248D, it-tnejn inklużi –*
>
> …
>
> *(b) jiġġenera rikavat li jkun ta' aktar minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); jew*
>
> *(ċ) isir bl-involviment ta' xi għaqda kriminali skont it-tifsira li hemm fl-artikolu 83A(1); jew*
>
> ….
>
> *(e) isir kontra xi persuna vulnerabbli fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 208AĊ(2);*

Dwar il-parti esposittiva tal-att t'akkuza, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Mizzi**,[3] fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

[3] Deciza nhar l-24 ta' Jannar, 2024.

*17. Illi l-Att tal-Akkuża huwa dak id-dokument li jkun jikkontjeni fatti narrati, li jorbtu mal-akkuża li ssewgi, li l-Avukat Ġenerali jislet mill-provi ikkumpilati waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u ma jkunux fatti li l-Avukat Ġenerali jkun ħoloq sabiex jitfa' xi dell ikrah jew ta'ħtija fuq l-akkużat. Dan l-Att iservi sabiex l-akkużat permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva jkollu stampa ċara tal-provi li għandha f'idejha il-Prosekuzjoni u li fuqhom qiegħda tibni il-każ tagħha, biex b'hekk b'rispett lejn il-prinċipju tal-parita' tal-armi, l-persuna akkużata tkun tista' tipprepara għad-difiża tagħha, kif rilevat mill-Qorti Kirminali fis-sentenza tagħha. Illi, ukoll, il-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża lanqas ma tista' tiddeskrivi fid-dettall il-provi kollha emerġenti mill-kumpilazzjoni u dan għaliex il-ġurati, kif dejjem ikunu imwissija mill-Imħallef li jippresedi il-ġuri, għandhom jistrieħu fil-ġudizzju aħħari tagħhom fuq il-fatti li jemerġu mill-provi li jinstemgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux fuq dawk il-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża.*

*18. L-Att tal-Akkuża jinqara lil ġurati fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri sabiex jkun lilhom indikat il-fatti li fuqhom l-Avukat Ġenerali ikun qed jixli lil persuna akkużata bir-reati imbagħad ipprospettati fil-parti akkużatorja tal-imsemmi Att, iżda dan ma għandu ebda valur probatorju. Il-provi in sostenn tal-Kapi tal-Att tal-Akkuża huma dawk li tressaq il-Prosekuzzjoni waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Infatti l-ġurati, bħala mħallfin tal-fatt, isejsu l-verdett tagħhom biss fuq il-provi li jkunu ġew prodotti quddiemhom waqt il-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn l-Att tal-Akkuża ma jitqiesx bħala parti minn dawk il-provi. Di piu', l-Avukat Ġenerali, ġeneralment waqt ir-Rekwiżitorja, jispjega lill-ġurati li l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża ma torbotx u li ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-konfront tal-akkużat, u li l-verdett tagħhom irid ikun imsejjes biss fuq il-provi prodotti waqt iċ-ċelebrazzzjoni tal-ġuri. Kif ukoll l-Imħallef togat waqt l-indirizz tiegħu*

*lill-ġurati jiggwidahom dwar kif għandhom jixtarru l-provi miġjuba quddiemhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.*

….

*21. Illi din il-Qorti hija konkordi mal-fehma tal-Qorti Kriminali illi dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa jekk il-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża tirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' jekk il-parti narrattiva hijiex msejsa fuq il-provi kif jemerġu mill-atti tal-kumpilazzjoni, u jekk il-parti narrattiva fis-sustanza tiddeskrivix ir-reati li bihom huwa mixli l-akkużat.*

*22. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Yorgen Fenech*** *deċiża minn din il-Qorti, kif diversament komposta, nhar l-4 t'Ottubru 2023 ġie deċiż is-segwenti:*

*"13. Dan l-artikolu jirreferi ghall-parti hekk imsejha narrattiva tal-att tal-akkuza fejn l-Avukat Generali jiddeskrivi dawk il-partikolaritajiet deskrittivi, ossia il-fatti, mhux kif jidhirlu, izda¸ kif jemergu mill-atti kumpilatorji. Naturalment il-parti narrattiva ma tistax, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, tkun sommarju tal-fatti kollha hekk emergenti basta, pero' li tkun konformi tas-subinciz appena riprodott. Dan l-artikolu, izda, ma jistax fl-istess waqt jitqies li huwa indipendenti, jew kif jinghad bl-ilsien Ingliz, a stand alone, ghaliex jehtieg li jkun mhaddem flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-ligi fosthom dik il-parti tal-Kodici Kriminali li tobbliga lill-imhallef togat li jfisser lill-gurati illi l-parti narrattiva jew esposittiva tal-att tal-akkuza ma tammontax ghall-prova u li l-prova trid issir mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-guri minn dak kollu li jingieb quddiemhom;*

*14. L-appellant hu tal-fehma li ghaliex, skond hu, l-parti narrattiva tal-att tal-akkuza hija karenti, ossia ma jispecifikax il-ftehim dwar il-mod*

*kif kellu jsir r-reat li bih huwa akkuzat liema element huwa wiehed minn dawk mehtiega sabiex jirrizulta r-reat ta' kongura jew ahjar, assocjazzjoni, allura l-att tal-akkuza f'dak il-kap huwa null.* ***Jibda biex jinghad illi dan l-istadju tal-proceduri m'huwiex mahsub sabiex isir il-gudizzju dwar il-fatti ghaliex dak, kif gia inghad, huwa rizervat ghall-gurati. Dak li irid ikun deciz f'dan l-istadju partikolari tal-process penali hu, la darba saret din l-eccezzjoni, li l-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja (ex subinciz (d) tal-artikolu 589) jkunu riflessi fi jew rizultat tal-atti kumpilatorji u li l-parti espositiva ikun fiha bizzejjed partikolaritajiet li fis-sustanza tiddeskrivi r-reat li bih huwa mixli l-akkuzat'***

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis** deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn intqal is-segwenti :

*25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. L-Avukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk :*

*"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –*
*(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;*
*(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;*
*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u*

*(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."*

***26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens mill-Imħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b' tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.***

***27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap.***

.../.....

> Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud'

Illi minn qari tal-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża ma jidhirx illi l-Avukat Ġenerali holoq xi storja mhux sostanzjata mill-provi kkumpilati. In-narrativa tal-att t'akkuza tirifletti punti konċiżi u indikattivi tal-fatti saljenti li jmerġu mill-kumpilazzjoni u ma taqbilx mal-akkuzata meta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha tghid illi fil-parti esposittiva mkien ma jirrizulta dak dispost fl-Artikolu 248E(2)(b), (c) u (e) tal-Kodici Kriminali. Għalhekk, galadarba d-dettami tal-Artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali ġew osservati, l-ebda nullita' ma tista' tigi riskontrata, b'dan illi dan l-aggravju qed ikun respint.

Illi permezz **tas-sitt eccezzjoni** taghha l-akkuzata qed titlob l-inammissibilita' tal-istqarrija mehuda waqt il-kors tal-interrogazzjoni u kwalsiasi referenza ghall-istess stante li tali stqarrija ttiehdet minghajr ma l-akkuzata nghatat d-dritt tal-assistenza legali u minghajr ma nghatat d-dritt tad-*disclosure*.

Permezz tal-Att LI ta' 2016,[4] gie introdott ghal-ewwel darba d-dritt ta' suspettat/akkuzat li jkun akkumpanjat minn avukat jew prokuratur legali, matul it-tehid tal-interrogazzjoni. B'harsa lejn Dok GA1 a fol. 1777 et seq. tal-process, wiehed jista' jinnotta l-ewwel stqarrija tal-akkuzata li giet mehuda nhar it-3 ta' Marzu, 2018. L-Ispettur John Spiteri gharraf lill-akkuzata bis-segwenti:

> *'Spt J Spiteri: Tajjeb mela ha nerga' nfakrek ghand id-dritt tas-silenzju. Ha nsaqsuk xi mistoqsijiet ghandek id-dritt li ma twegibx ghal xi domandi jew ghal ebda domanda li ser issirlek u kull haga li ha tghid tista' tingieb bhala prova tajjeb. Fhimta din it-twissija?*
>
> *Carina Louise Azzopardi: Iva*

[4] 28 ta' Novembru, 2016.

*Spt J Spiteri: Naqblu li inti nghatajt id-dritt li tikkonsulta ma' Avukat privatament ta' fiducja tieghek*

*Carina Louise Azzopardi: Naqbel*

*Spt J Spiteri: U inti tkellimt ma Dr Joe Giglio hux hekk?*

*Carina Louise Azzopardi: Iva*

*Spt J Spiteri: Naqblu li nghatajt ittra bid-drittijiet legali tieghek hemm isfel?*

*Carina Louise Azzopardi: Iva*

*Spt J Spiteri: kellek ic-cans taqraha u*

*Carina Louise Azzopardi: Iva'*

It-tieni stqarrija tal-akkuzata tinsab a fol. 1823 et seq tal-process u din tibda bis-segwenti:

*'Spt J Spiteri: L-istess drittijiet ghadhom jghoddu ghallum jigifieri ghandek id-dritt tas-silenzju u kull haga li tghid tista' tingieb bi prova. Mela inti ghandek xi haga x'tghidilna? Irriflettejt f'xi haga li forsi tahseb li hallejt barra jew'*

Illi in vista tas-suespost jidher illi d-dritt li l-akkuzata tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali tal-fiducja taghha kien diga gie ntrodott fil-ligi taghna meta gew rilaxxati dawn l-istqarrijiet. In oltre, jidher bic-car illi l-akkuzata nghatat id-drittijiet taghha skond il-ligi.

Fir-rigward tad-dritt tad-*disclosure*, sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghall-Artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali, li jitratta dwar id-dritt għal aċċess għall-materjal tal-każ, jistipula s-segwenti:

*'(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*

*(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*

*(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti*

*jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.*[5]

Illi din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali trasponiet fil-liġi Maltija d-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' nhar it-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, u dana permezz tal-Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha l-Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, b'dan għalhekk illi jingħata il-jedd iħejji id-difiża tiegħu fi żmien xieraq, madanakollu jerġa' jiġi ribadit, illi jekk kien hemm tali nuqqas ta' aċċess għal xi evidenza materjali minn naħa tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija, <u>dan ċertament ma jwassalx għal xi nullita' fl-Att t'Akkuża</u>. Illi l-liġi issemmi dawk l-istanzi li iġibu fix-xejn l-Att t'Akkuża u jirrenduha nulla, kif ingħad. L-allegat nuqqas lamentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk ikkontemplati fil-liġi. **Il-Qorti, minn naħa l-oħra, ma tistax tagħti il-jedd lill-akkużat li jembarka ruħu fuq xi tip ta'** ***fishing expedition*** **sabiex jara jekk hemmx xi prova li setgħat ma ġietx lilu magħrufa minn naħa tal-Prosekuzzjoni**.

Mill-atti proċesswali ma jirriżulta mkien illi l-akkużata qajjmet ilment matul il-mori tal-kumpilazzjoni fir-rigward ta' nuqqas t'aċċess għall-informazzjoni fil-pussess tal-Pulizija. L-akkuzata kienet u ghadha tinsab f'qaghda li thejji d-difiza taghha u dan stante li kellha u ser ikollha kull opportunita' sabiex tikontrolla kwalunkwe prova. L-Akkużata naqset milli fl-eċċezzjoni taghha tispecifika ezatt kif ma nghatatx id-dritt tad-*disclosure*. Kif inhu magħruf, vjolazzjoni tas-smigħ xieraq ma tistax tinstab fl-astratt iżda trid tinstab fil-konkret.

Illi, f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>**Christian Grech vs L-Avukat tal-Istat**[6]</u> fejn il-Qorti qalet illi:

---

[5] Sottolinjar tal-esponent.
[6] Deciza nhar it-28 t'Ottubru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

*'ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu jagħmel biss osservazzjonijiet ġeneriċi u ma jispjegax kif fil-fatt ġarrab preġudizzju. Ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova kif gie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-pulizija. Għalhekk mhux biss ma jistax jingħad li kien hemm xi irregolarita` proċedurali daqshekk gravi li bih ġie mċaħħad mis-smigħ xieraq, iżda lanqas jista` jgħid li kien hemm xi irregolarità.'*

Illi, finalment, issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Borg et**[7] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*'Jisottometti li kwalunkwe stqarrija rilaxxata mill-appellant ġiet rilaxxata mingħajr ma kellu aċċess għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija u cioe mingħajr ma kellu 'disclosure' tal-evidenza gia miġbura. Minkejja li huwa minnu li dan id-dritt ġie introdott wara li giet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, l-appellant naqas milli jispjega x'informazzjoni ma kellux qabel ma ġie interrogat. In oltre, mill-atti minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien talab sabiex tingħatalu informazzjoni u għalhekk din is-sottomissjonijiet hija ampjament infondata u qiegħda għalhekk tiġi skartata.'*

Illi, għalhekk, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qeghda tirrespinġi s-sitt eċċezzjoni hekk kif sollevata mill-Akkuzata fl-intier taghha.

Illi fir-rigward **is-seba' eccezzjoni**, l-akkuzata qed tirrileva li ghandha l-istatus ta' *whistleblower* permezz t'*external disclosure* li ghamlet mal-Ombudsman fit-termini ta' Kap 527 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif qalet din il-Qorti seduta stante, meta l-partijiet ghamlu s-sottomisjonijiet taghhom nhar it-8 ta' Frar, 2024, il-Qorti mhux ser tidhol f'dan il-qasam u dan ghaliex din mhux eccezzjoni, izda biss gwida f'kaz ta' htija. Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' eccezzjoni.

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Jannar 2019.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel, it-tieni, il-hames u s-sitt eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzata Azzopardi. Qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-tielet u r-raba' eccezzjonijiet preliminari stante li dawn gew irtirati mid-difiza. Din il-Qorti qedgha wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' eccezzjoni preliminari stante li din mhux eccezzjoni preliminari.

Tiddifferixxi l-kawża *sine die*, sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jistgħu iressqu l-partijiet skont il-liġi.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Maria Grech
Deputat Registratur